BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 02/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 01/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Zammit ippropona u C.Muscat issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 01/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/02 -* Tressqet talba mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen sabiex nhar id-29 u t-30 ta' Marzu isiru *time trials* bil-*landrovers* kif ukoll *static display* fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni u fid-dawl li l-Bajja s-Sabiħa qegħda fil-proċess sabiex titħejja għall-*Blue Flagged Beach*, il-Kamra qablet li għalkemm ma ssib l-ebda oġġezzjoni biex tittella' din l-attivita' se ukoll titlob l-approvazzjoni tal-Ufficcjali tal-Malta Tourism Authority.

*02/02* - Tressqu għad-diskussjoni fuq il-mejda tal-Kamra żewġ pjanti ta' Transport Malta fir-rigward ta' mmaniġġjar tat-traffiku fi Triq Għar Dalam. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsill li f'Seduta preċedenti kien diġa approva sett ta' pjanti ta' mmaniġġjar ta' traffiku fi Triq Għar Dalam, xogħol li kien se jibda ftit ġimgħat ilu. Wara diskussjoni, l-Kamra reġgħet ikkonfermat li taqbel ma' pjanta 'A' pero' ma taqbilx ma' pjanta 'B' minħabba li kien fiha tibdil u jekk jingħalaq il-ħruġ mill-Qajjenza fil-*junction* ta' bejn Triq Herakles u Triq Għar Dalam se jinħoloq nuqqas ta' sigurta' u inkonvenjent għar-residenti li joqogħdu l-Qajjenza. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta li ma jaqbilx ma' pjanta 'B' u jitlob laqgħa ħalli jiġi diskuss dan il-punt.

*03/02* - Il-Kunsill Lokali ntalab jagħti l-*feedback* tiegħu minn Perit ta' resident fuq żvilupp privat li hu maħsub li jsir fi Triq Għar Dalam. Minħabba li Triq Għar Dalam hi arterja, l-Kunsill Lokali se jħalli f'idejn l-awtoritajiet ikkonċernati sabiex jaraw dan l-iżvilupp privat hux possibbli.

***AĠENDA -3***

Issa li l-*fence* tal-*ground* tal-*football* fil-Bajja s-Sabiħa tlesta, il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-użu tiegħu. Wara diskussjoni intlaħaq ftehim li qabel il-Kunsill Lokali jieħu deċiżjoni għandu javviċina lill-Birżebbuġa Windmills F.C. sabiex toffri lilhom l-użu tal-*ground* u jekk din l-għaqda tirrifjuta l-Kunsill għandu javviċina l-għaqdiet lokali l-oħra.

***AĠENDA -4***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-*Financial Statements* 2014. Wara diskussjoni, l-Kamra approvat dawn il-*Financial Statements* sabiex jiġu ppreżentati lill-Awditur Ġenerali kif ukoll lill-Awdituri tal-Gvern.

***AĠENDA -5***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Jannar 2014. Peress li ma kien hemm l-ebda amenda jew oġġezzjoni, il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' € 67,344.26 skont Skeda Nru. 01/14.

***AĠENDA -6***

1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li :

- is-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u l-Kunsilli Lokali nforma lill-Kunsill Lokali li se jagħmel dak kollu possibbli sabiex isib soluzzjoni għall-problema tal-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv pero' sahaq li Segretarju Eżekuttiv ma jistax jinħatar minn barra l-*pool*. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill Lokali ħa d-deċiżjoni li jerġa' joħroġ sejħa għal ingagg ta' Segretarju Eżekuttiv.

- hemm problema bil-fornitur magħżul għall-installazzjoni tal-*live streaming* għaliex id-Dipartiment qed jgħid li l-apparat tal-fornitur mhux *compliant* filwaqt li l-fornitur qed jibqa' jinsisti li l-apparat tiegħu *compliant*. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali se jitlob l-approvazzjoni/direzzjoni tad-Dipartiment qabel jipproċedi.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K. Barun :

- issuġġerixxa li nġibu kwotazzjonijiet għal *sorveillance cameras* sabiex nippruvaw naqtgħu l'ftit abbuż u vandaliżmu li qed ikun hawn.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J. Baldacchino :

- ressaq quddiem il-Kamra korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari tal-Anzjani u Kura fil-Komunita' fejn dawn qed jistiednu l-Kunsilli Lokali sabiex jagħmlu proġetti fil-komunita' ħalli jsiru aktar aċċessibbli u wara jidħlu f'kompetizzjoni sabiex l-aħjar proġetti jieħdu premjijiet fi flus. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li minħabba li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, għandna nqisu sew jekk hux ħa nidħlu għal din il-proposta. Qabel wieħed jiddeċiedi għandna nġibu stimi sabiex issir rampa tal-injam fuq ir-ramel.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- stqarr li jħoss li meta jiġi l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-ħaddiema ta' barra ma tantx jieħdu pjaċir bih. Is-Sindku rrimarka li hu dmir u dritt tal-Kunsilliera kollha li jiffrekwentaw l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

- irrimarka li ma jaqbilx mal-ħinijiet li l-Kunsill Lokali qabel fuqhom f'Seduta preċedenti u li hemm ippubblikati fis-sejħa pubblika li hemm miftuħa bħalissa.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- informa l-Kamra li Transport Malta qed tikteb lill-Kunsill Lokali sabiex Triq il-Gawwi ma tibqax *one way* iżda terġa' ssir *two way* kif kienet qabel. Uħud mill-Kamra ma qablux ma' dan il-komunikat u minħabba li ma setax jintlaħaq qbil, is-Sindku issospenda l-laqgħa.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet sospiża fit-8.00pm. .

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżk.** |